# Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **16** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar il-**Ħamis 18 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm.**

## L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal fis-6.10pm.)<br>Is-Sur Lawrence Ciantar (daħal fis-6.15pm.)<br>Is-Sur John B.Camilleri (daħal fit-8.00pm.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Joseph Grech |

## Aġenda

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti - Seduta Numru 15(1)
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders :
   KLM 2010/09 - *Tender for lease of premises as a training centre to be used by Marsaskala Local Council.*
   KLM 2010/10 – *Tender for supply and installation of light poles in Ġnien David Vella, St Thomas Bay Marsaskala.*
   MLC 08/2010 – *Quotation for Cleaning Service.*
6. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal perjodu Lulju – Settembru 2010.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

3.1 **<u>Laqgħa ma' D. Consulta :</u>**

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna s-Sinjuri Mark Causon u Michael Debono li jirrapreżentaw lil D. Consulta fejn taw spejgazzjoni ċara kif tinħadem is-sistema tal-*EU Funding Consultancy.*

Is-Sur Mark Causon qal li l-Kunsill mhux se joħroġ flus għal dawn il-proġetti għaliex 80% jiġu *funded* mill-Unjoni Ewropeja u 20% mill-Kunsill li din tiġi nkorporata bħala spejjeż bħal pereżempju jkun hemm konferenza ġo Marsaskala fejn il-barranin se jitpoġġew ġo lukanda f'din il-lokalita` u jridu jħallsu tal-kamra tal-konferenzi, tal-ikel u l-akkomodazzjoni, pero` jkun hemm ftehim li peress li jkun grupp kbir dawn ma jħallsux tal-kamra tal-konferenzi u lanqas tal-ikla ta' nofs inhar u ta' filgħaxija. Dan ikun jidher li qed jagħmlu l-Kunsill, pero` il-Kunsill ma jħallas qatt xejn.

Id-D. Consulta taw rendikont tal-proġetti kollha applikati s'issa għan-nom tal-Kunsill. Is-Sur Causon spjega li mhux kull proġett li jiġi applikat ifisser li jiġi aċċettat u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-fatt kien għadu kif irċieva li l-applikazzjoni tas-*cycling* ma kienetx aċċettata.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għall-laqgħa fis-6.10p.m.***

Is-Sur Causon qal li f'ċertu każijiet isiru attivitajiet fejn jiġu nvoluti nies minn dik il-lokalita` konċernata. Se jkun hemm allokat persentaġġ għal *staff cost* u jiġu mħallsa dawk li ssoltu jkunu *helpers* jagħmlu dan ix-xogħol b'xejn. L-istess jgħodd għall-istaff tal-Kunsill, li jekk xi ħadd irid jinvolvi ruħu f'dan ix-xogħol, dak ikun imħallas apparti mill-fondi allokat fil-budget bħala *administrative costs.*

❖ ***Il-Kunsillier is-Lawrence Ciantar daħal għall-laqgħa fis-6.15p.m.***

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne enfassizat fuq il-punt li kemm jista` jkun possibli għandna ndaħħlu lir-residenti tagħna sabiex jipparteċipaw f'dawn il-proġetti u staqsiet aktar informazzjoni dwar kif u x'se nibbenfikaw minnha aħna bħala lokalita`.

Is-Sur Mark Causon qal bħalissa hemm il-*Xmas Tree Project* fejn hemm imdaħħla 42 skola. It-tfal tal-iskola jagħmlu xi *xmas decoration* u jinbtagħtu fi 30 skola oħra barra minn Malta fejn jitwaħħlu fuq is-siġar tal-Milied tagħhom u l-proġetti tagħhom jiġu mwaħħla fuq is-siġar tagħna.

Proġett ieħor li hemm huwa fuq iż-żgħażagħ li ma jaħdmux fejn jiġu offruti *workshops* fejn jitgħalmu *skills* ta' xogħol oħra u anke jsir *practical placements*, li dawn iż-żagħżagħ ikunu mil-lokalita` konċernata.

Il-Viċi Sindku talab sabiex ninvolvu anke l-anzjani.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proġett tas-*cycling* li kien jismu *Preparatory Action in the field of Sport 2010* fejn konna applikajna għalih, ġie rrifjutat. Għal dan il-proġett kien hemm 146 applikazzjoni u ġew biss aċċettati 5.

Fl-aħħar is-Sur Causon spjega kif jagħżlu l-proġetti. Jekk il-proġetti ikun jinvolvi finanzjament ta' 50% u 50%, huma jistennew l-approvazzjoni tal-Kunsill. Jekk ikun 80% u 20%, dan jipproponuh mill-ewwel minħabba li l-20% ikopruhom fl-ispejjeż tagħhom. Fuq kull proġett ikun hemm il-*prefinancing* sabiex jitħallas l-ivjaġġar u jekk ma jilħaqx jasal dan il-*prefinancing*, jiġi *refunded* wara.

Is-Sur Causon ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal-proġetti ta' tisbiħ fil-lokalita`. Sabiex dan il-proġett isir irid ikollna d-devoluzzjoni tal-post imsemmi.

Is-Sindku għalaq billi rringrazzja lis-Sur Mark Causon u lis-Sur Michael Debono talli għoġobhom jattendu u jagħtu spjegazzjoni tajba dwar x'qed isir u talabhom sabiex għal kull proġett li D.Consulta se tagħmel għar-rigward tagħna għandha dejjem tinfurmana.

- ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti għal Item Nru 6 ta' fuq l-Aġenda.***

6.0 ***<u>Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal perjodu Lulju – Settembru 2010 :</u>***

Rigward dan is-suġġett ġie mistieden l-*Accountant* is-Sur Lawrence A. Cauchi sabiex jagħti stampa ċara fuq ir-rapport finanzjarju għal perjodu Lulju Settembru 2010. Is-Sur Cauchi beda billi staqsa jekk xi ħadd mill-Kunsilliera preżenti għandu xi domandi x'jagħmillu u fihem lill-Kunsilliera l-*Quarterly Report*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wieħed mill-kuntratti li qegħdin noħorġu aktar milli bbaġitjajna huwa tal-ġbir ta' skart u ieħor huwa tal-knis u ala l-kuntratt tal-ġonna jgħid li hemm infieq ta' €7,000 meta fil-fatt ntefaq €18,000 u fuq dan irid spjegazzjoni.

Is-Sur Lawrence A. Cauchi qal li bl-għajnuna tas-Segretarju il-Budget tas-sena ddieħla se jinħadem b'mod differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga li hu meta daħal ġol-Kunsill sena ilu ma kellu l-ebda *handover* u li t-template tal-Budget li kien sab kienet differenti mis-soltu u dan ġie *revised* fuq dak li sibna għal din is-sena, pero` wieħed irid jifhem li anke l-*Accountant* kien ġdid u għalhekk huma ilhom jaħdmu din is-sena kollha sabiex isir *budget* tajjeb għas-sena ddieħla.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar reġa ġibed l-attenzjoni dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart u staqsa ir-raġuni għalfejn domna sabiex jinħareġ tender ġdid fuq dan il-kuntratt.

Is-Sindku spjega li dak il-kuntratt kien ilu miżmum mill-eks Segretarju Eżekuttiv, u ilu din is-sena kollha isir *homework* bil-għaqal sabiex noħorġu dan it-tender. Is-segretarju Eżekuttiv spjega li tul din is-sena nħadem l-ispeċifikazzjonijiet u l-Kunsill fil-fatt iddeċieda fuq bosta fatturi bħat-tneħħija tal-maġġoranza tal-*bins on wheels*, kif ukoll il-ftehim mal-Green MT għall-introduzzjoni ta' ħafna *Bring-in-Sites*. Ittieħdet deċiżjoni wkoll il-frekwenza tal-ġbir ta' skart u matul is-sena kienu twaħħlu wkoll il-*litter bins* if ukoll *litter bins* mil-Green MT u t-tender kien tressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill diversi drabi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega biċċa biċċa dan ir-rapport u qal li l-Kunsill tagħna huwa wieħed mill-aktar Kunsilli ġo Malta li bbenfika mill-U.I.F. Funds u li d-dħul jeċċedi l-ammont ta' nfiq b'ammont ta' €106,956.00 u dan sinjal tajjeb meta tikkunsidra l-ammont ta' proġetti li saru mill-Kunsill. Semma wkoll is-suċċess tal-Kunsill għall-fondi li attjena mill-iskemi maħruġa mill-Gvern Ċentrali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex mis-sena ddieħla kull meta ssir mozzjoni għandha tkun aktar iddetaljata bħal pereżempju mozzjoni biex titranġa bankina għandu tkun b'kemm metri għandu jsir ix-xogħol u mhux sempliċiment titranġa bankina f'tali post u dan sabiex ikun jista jikkwalifika x-xogħol mitlub.

- *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ħareġ mill-laqgħa fis-7.15p.m.*

1.0 ***Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti :***

**Laqgħa Nru 15(1) tas-26 ta' Ottubru 2010:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett talab sabiex issir korrezzjoni fuq l-ewwel paġna għax il-Kunsilliera kollha kienu preżenti fil-ħin.

1.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud talab sabiex issir korrezzjoni fuq paġna 10 fuq item 4.6 fejn għandha tiżdied din is-sentenza: *"Il-Viċi Sindku sostna li ma kienx qabel ma' din id-deċiżjoni minħabba li huwa ħass li anke l-partiti politiċi għandhom ikollhom id-dritt li jinnominaw lil xi ħadd għal Ġieħ Marsaskala biex tiġi kkunsidrata".*

1.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud talab sabiex issir korrezzjoni fuq paġna 13 fuq item 4.23 fejn għandha taqra hekk: *"Coffee Morning għall-Anzjani li qed jieħu ħsieb il-Viċi Sindku".*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti :***

Ma kien hemm l-ebda punt.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill :***

3.2 **Bandli fi Pjazza Mifsud Bonniċi:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li rridu nagħmlu dan il-proġett ġol-bandli irridu nikkonsultaw mal-Perit tagħna biex noħorġu tender dwar dan, sabiex nitolbu l-fondi mill-U.I.F.

Il-Viċi Sindku qal li qabel nagħmlu dan għandna noħorġu *Expression of Interest* biex navżaw lill-pubbliku sabiex ituna l-idejat tagħhom biex b'hekk il-Kunsill jevalwa kull possibilta` u wara nkunu nistgħu noħorġu t-tender.

Dwar dan is-Segretarju Eżekuttuv qal li allura għandna nitolbu lill-Perit tagħna biex jagħmlilna footprint għal din l-*Expression of Interest.*

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.3 **Laqgħa mal-WasteServ dwar il-Family Park:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda billi qal li fis-seduta Nru 14 tat-28 ta' Settembru, 2010 kien imnizzel dan l-*item* fuq l-Aġenda, pero` bi żvista ma kienx ġie imqajjem dan il-punt waqt il-laqgħa. Għalhekk fid-dawl ta' dan is-Sindku kien bagħat *email* lill-Kunsilliera kollha fejn infurmahom li kienet se ssir Konferenza stampa fejn tahom id-dettalji ta' fejn u meta se ssir u talabhom sabiex min hu interessat jista` jiġi jara l-kontenut ta' din il-konferenza qabel ma l-konferenza saret. Huwa qal li saret interpellanza il-għaliex ma ġiex diskuss dan l-*item* f'dik il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li hu ma kienx irċieva dik l-*email*, pero` jista` jkun li kellu l-internet bil-ħsara. Il-Kunsilliera l-oħra kollha qalu li kienu rċievuha din l-email.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri reġa daħal għal-laqgħa fit-8.00p.m.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri daħal għal-laqgħa fit-8.00p.m.***

Il-Viċi Sindku talab sabiex issir korrezzjoni fuq il-Minuti dwar il-laqgħa li kien hemm mal-WasteServ fl-4 ta' Novembru fis-7.30p.m. li kienet saret wara l-konferenza stampa.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud talab sabiex issir korrezzjoni fuq paġna 2 fuq artiklu 4 fejn għandha taqra hekk: *"Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienux saru studji fattwali u s-Sur Vince Magri wieġeb li l-istudji inkonnessjoni mal-EIA u EPS kienu saru minn konsulenti u kienu ġew sottomossi lill-MEPA. Il-Viċi Sindku wieġeb li dawn l-istudji ma sarux speċifikament għal Malta imma ġie aċċettat studju li sar barra minn Malta. Mr. Monk li kien imqabbad mill-WasteServ stess qal li ma kienx sar għax "it was going to be too expensive". Il-Viċi Sindku baqa` jinsisti li qabel ma jkun hemm dan l-istudju ma jistax ikollna moħħna mistrieħ. Il-Viċi Sindku sostna li ħadd ma ried jidħol responsabbli u jagħti garanzija għal xi ħaġa li tiġri aktar 'il quddiem".*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex issir korrezzjoni fuq paġna 2 fuq artiklu 5 fejn għandha taqra hekk: *"Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal li ġiala darba sar studju reċenti f'dawn il-ġranet li mit-testijiet jindika li hemm zero emmissions, u staqsa jekk dawn it-testijiet jistgħux jingħataw lill-Kunsill sabiex il-Kunsill meta jaħtar konsulent ikun jista` jarhom u ġie mwieġeb mis-Sur Vince Magri li dan għandna nitolbuh lill-MEPA."*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri talab sabiex tiżdied item 14 f'paġna 3 fejn għandha taqra hekk: *"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa għalfejn f'85,000m2 kif ma nstabux 120m2 għall-grawnd bit-track madwaru u ġie mwieġeb li minħabba li se jkun mtarraġ fi 3 livelli differenti".*

Is-Sindku ippropona sabiex naħtru bniedem tekniku ħalli jkun parti minn dan il-moniteraġġ li jkun jirrapreżenta lill-Kunsill sabiex flimkien mal-kumpanija PT Matic isir dan il-moniteraġġ u l-Kunsill ikun dejjem infurmat x'qed isir.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-WasteServ fil-15 ta' Novembru fit-8.00a.m., fejn il-Kunsilliera kollha kienu mistiedna. F'din il-laqgħa ġejna nfurmati dwar fejn ġejjien is-*sampling points* li se jimmonterjaw l-arja. Dawn tpoġġew 1. St Anthony Chapel; 2. Inspire car park; 3. Bella Vista - Mr Debono; 4. Water Bowser man " Il Mio Paradiso"; 5. Retreat House; 6. Waste Serv Gate, li prattikamnet qegħdin imdawrin madwar il-*Family Park*.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li prattikament dak kollu li ilna niġġieldu dwaru dan is-snin kollu se jitkisser jekk aħna se nagħmlu parti minn dan il-moniteraġġ.

Is-Sindku rrisponda li l-Kunsill ma jista` jagħmel xejn biex jitneħħa dan l-Impjant, pero` huwa d-dover tagħna jekk nagħmlu parti minn dan il-moniteraġġ sabiex inkunu nafu x'inhu għaddej hemm ġew.

Il-Viċi Sindku reġa wieġeb li peress li ma kienux saru l-istudji inizjali, aħna m'għandniex naqblu ma dan kollu, għalkemm sostna li xorta waħda jaqbel mal-proġett tal-*Family Park.*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li dawk l-istudji kollha li kienu ntalbu mill-MEPA biex joħroġ il-permess, kienu saru kollha. Dan il-permess jiġġedded minn sena għal sena mill-MEPA u biex l-impjant jibqa` għaddej għandu jiġi mmoniterjat mill-PT Matic u mir-rappreżentant tagħna.

Is-Sindku qal li l-Kunsill flimkien ma' l-Istaff ġie mistieden għall-ftuħ uffiċċjali tal-Impjant tar-Riċiklaġġ Sant'Antnin nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru fl-10.15a.m. u staqsa min kien ser jattendi.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jieħu votazzjoni fuq jekk il-Kunsill għandux jaħtar dan il-bniedem tekniku li ser jirrapreżenta lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sospensjoni fuq dan il-punt u qal li m'għandniex nieħdu vot illum għax aħna għandna kawża għaddejja kontrihom.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Lawrence Ciantar jekk għandux fiduċja fil-MEPA, WasteServ u f'dan il-bniedem tekniku li ser jiġi mqabbad mill-Kunsill u s-Sur Ciantar irrisponda li mhux se jafdahom.

Is-Sindku qal li l-kawża kien qed jagħmila l-Avukat Owen Bonnici *senza interessi* għan-nom tal-Kunsill u l-oġġezzjoni qiegħda fuq l-*outline* u fuq li ma sarx studju u l-Kunsill kollu jaqbel dwar li nibqgħu għaddejjin bil-każ. Is-Sindku qal li bħalissa ħadd ma jista` jwaqqaf lill-Gvern biex ma jagħmilx l-Impjant u dan il-*Family Park* u għalhekk aħna rridu nagħmlu parti minn dan il-moniteraġġ u ppropona li għandu jittieħed vot illum għax dan huwa każ urġenti.

Il-Kunsilliera is-Sur Daniel Spiteri sostna li bħala Kunsill għandna nistaqsu lill-Avukat Owen Bonnici jekk jaqbilx li nagħmlu parti minn dan il-moniteraġġ ma jmurx nippreġudikaw il-kawża li għandna l-Qorti.

Il-Viċi Sindku ressaq kontra mozzjoni li tistipola li qabel ma ngħaddu għall-vot biex jinħatar din il-persuna teknika għandna l-ewwel insaqsu u nieħdu parir mill-Avukat sabiex nivverifikaw jekk din il-ħatra tippreġudikax il-kawża li għandna l-Qorti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda.

Votazzjoni

| FAVUR : |
|---|
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar |

| KONTRA : |
| --- |
| Is-Sindku |
| Il-Kunsilliera Carmen Fearne |
| Il-Kunsillier George Farrugia |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt |
| Il-Kunsillier John Baptist Camilleri |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett |

Il-Vot ġie 3(tlieta) FAVUR u 6(sitta) KONTRA.

Din il-mozzjoni m'għaddietx.

Is-Sindku ppropona u dan wara l-laqgħa li kien hemm mal-WasteServ, illi l-Kunsill joħroġ sejħa għall-persuna teknika biex tkun parti mit-tim li ser ikollha l-WasteServ rigward il-moniteraġġ. Dan isir wara konsultazzjoni mal-WasteServ biex jinġiebu l-ispeċifikazzjonijiet tal-persuna li jkollha ir-rekwiżiti meħtieġa biex tagħmel dan ix-xogħol tal-moniteraġġ rigward il-kwalita` ta' l-arja.

Il-Kunsilliera is-Sur Sandro Gatt issekonda.

Votazzjoni

| FAVUR : |
| --- |
| Is-Sindku |
| Il-Kunsilliera Carmen Fearne |
| Il-Kunsillier George Farrugia |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt |
| Il-Kunsillier John Baptist Camilleri |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett |

| KONTRA : |
| --- |
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri |

| ASTENSJONI : |
| --- |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar |

Il-Vot ġie 6(sitta) FAVUR u 2(tnejn) KONTRA u 1(wieħed) ASTENSJONI.

Din il-mozzjoni għaddiet.

3.4 **Sponsor minn Summer Nights u Waterline lill-GM Production :**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li Summer Nights 47 kif ukoll Waterline taw donazzjoni ta' €66 u €69 rispettivament lill-GM Productions, bħala għajnuna ta' Ms. Marsaskala s-Sinjorina Jessica Davis u li bis-saħħa t'hekk ġejna offruti *wheelchair* b'donazzjoni mill-GM Productions u dan il-*wheelchair* ingħata lis-Sur Joseph Ebejer li joqgħod 39, Triq is-Sliem, Marsaskala.

3.5 **Ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u Staff :**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-Istaff din is-sena se ssir mingħajr *partner* u nistgħu nonfqu mhux aktar minn €50 ir-ras, skond struzzjonijiet li kienu ħarġu mid-Dipartiment.

Dawn huma l-kwotazzjonijiet:

Corinthia Palace : €41-il persuna mingħajr xorb
Blue Elephant : €48-il-persuna bix-xorb inkluż
Excelsior : €24-il persuna mingħajr xorb u mhux inqas minn 30 persuna.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir il-Blue Elephant jew post ieħor ġewwa l-Hilton u d-data titħabbar aktar tard.

❖ ***Intalbu s-sospensjoni tar-regolamenti għal Item Nru 4 ta' fuq l-Aġenda.***

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 **Ħlasijiet bi Kreditu:**

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| •Contracts Manager report available. | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ***Suppliers*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***Amount on Invoice €*** | ***Amount to be paid €*** |
| 1 | **Graphics** | Newspapers | 20/11/10 | 59816 | 159.77 | 159.77 |
| 2 | **Med Design Associates** | Professional Fees for copies of plans re Tender KLM 2010/11 | 01/11/10 | 30004701 | 50.00 | 50.00 |
| 3 | **Med Design Associates** | Professional fees for pavement works in various streets | 26/10/10 | 30004664 | 122.31 | 122.31 |
| 4 | **Med Design Associates** | Professional fees for Construction of Playing field | 26/10/10 | 30004670 | 40.41 | 40.41 |
| 5 | **Med Design Associates** | Professional fees Pavement works in Triq iz-Zonqor | 26/10/10 | 30004663 | 58.98 | 58.98 |
| 6 | **Advanced Telecommunications** | Cartridges for Rex Rotary | 27/10/10 | 42562 | 91.60 | 91.60 |
| 7 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs as per job sheet no: 8590A | 05/10/10 | 13792 | 580.45 | 580.45 |
| 8 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 27/10/10 | 13018136 | 330.40 | 330.40 |
| 9 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 28/10/10 | 13018158 | 35.00 | 35.00 |
| 10 | **Smart Office Supplies Ltd** | Stationery | 29/10/10 | 13018177 | 4.07 | 4.07 |
| 11 | **Golden Gate Co.Ltd** | Rota files | 29/10/10 | 358617 | 1079.28 | 1079.28 |
| 12 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 03/11/10 | 117375 | 67.50 | 67.50 |
| 13 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 04/11/10 | 117486 | 326.27 | 326.27 |
| 14 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Convenience | 02/11/10 | MLC/10/100504 | 655.15 | 655.15 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | **Avantech Ltd** | FSMA for Canon IR25201 | 01/11/10 | 139359 | 195.94 | 195.94 |
| 16 | **ARMS** | Electricity & Water for Council Premises | 04/11/10 | 12893886 | 588.05 | 588.05 |
| 17 | **Ms. Graziella Mallia** | Librarian October 2010 | 09/11/10 | | 241.94 | 241.94 |
| 18 | **D-Consulta Ltd** | Professional fees for application fee - Visual Culture full of peace non-violence | 05/11/10 | 701 | 227.00 | 227.00 |
| 19 | **Mr. Carmel Cassar** | Fuel Expenses October 2010 | 09/11/10 | | 25.76 | 25.76 |
| 20 | **Ms. Graziella Mallia** | Reimbursement of expenses | 09/11/10 | | 8.95 | 8.95 |
| 21 | **Mr. Lawrence A Cauchi** | Accountancy Service | 31/10/10 | 2010089 | 569.61 | 569.61 |
| 22 | **MITA** | Maintenance & Support | 29/10/10 | SIN024010 | 37.52 | 37.52 |
| 23 | **Sound Vision Print Ltd** | Advert - Tender KLM 2010/10 | 31/10/10 | 13098 | 105.63 | 105.63 |
| 24 | **Island Insurance Brokers Ltd** | Local Council Protector Pro Rata premium 1/11/10-10/10/11 | 25/10/10 | I-RN 110640 | 1079.48 | 1079.48 |
| 25 | **Island Insurance Brokers Ltd** | Electronic Eqiupment Pro Rata premium 1/11/10-10/10/11 | 25/10/10 | I-RN 110641 | 64.71 | 64.71 |
| 26 | **Island Insurance Brokers Ltd** | Personal Accident Pro Rata premium 1/11/10-10/10/11 | 25/10/10 | I-RN 110642 | 345.45 | 345.45 |
| 27 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 01/10/10 | 2655 | 248.67 | 248.67 |
| 28 | **Mrs. Carmen Fearne** | Reimbursement of expenses for drapes and hooks | 10/10/10 | | 45.00 | 45.00 |
| 29• | **Mr.Ronald Bezzina** | Bulky Refuse September 2010 | 30/09/10 | 12 | 1325.25 | 1325.25 |
| 30• | **Mr.Ronald Bezzina** | Bulky Refuse October 2010 | 30/10/10 | 13 | 1192.73 | 1192.73 |
| 31• | **Mr.Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting in Urban Roads October 10 | 30/10/10 | 34 | 3577.53 | 3577.53 |
| 32• | **Mr.Ronald Bezzina** | Extra Works - Tnehhija ta' zabra minn fuq il-promenade | 30/10/10 | 36 | 50.00 | 50.00 |
| 33• | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 08/11/10 | 2010028 | 1540.00 | 1540.00 |
| 34 | **Go plc** | Telephone No 21632861, 21633887, 21637171 | 06/11/10 | 24600800 | 355.60 | 355.60 |
| 35 | **Go plc** | Telephone No 21637744 | 06/11/10 | 24600802 | 24.21 | 24.21 |
| 36 | **Dipartiment ta' l-Artijiet** | Site at Pjazza Dun Tarcis Aguis | 08/11/10 | 1277477 | 1000.00 | 1000.00 |
| 37 | **Segretarju Permaneni OPM (ITSD)** | Advert | 09/11/10 | | 50.00 | 50.00 |
| 38• | **Bonnici Group** | Pavement at Triq Sant'Anaa | 23/07/10 | Claim - 1675-1 | 26632.78 | 16389.91 |

| LISTA TA' ĦLASIJIET ADDIZJONALI – 18/11/10 #16(1) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | **Eco Pure** | Table Water | 29/10/10 | 477191 | 29.74 | 29.74 |
| 40 | **General Ecological Services Co ltd** | Cleaning of manhole from materials | 03/11/10 | 222 | 192.41 | 192.41 |
| 41 | **The Treasury, Vodafone Malta** | Mobile Service | 01/11/10 | 2161631112010 | 170.34 | 170.34 |
| 42 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Local Wardens for October 2010 | 03/11/10 | JC-007/MSA | 4956.85 | 4956.58 |
| 43 | **D-Consulta Ltd** | Application fee for project Rural development and the people | 08/11/10 | 702 | 227.00 | 227.00 |
| 44 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill June 2010 | 16/10/10 | 259 | 5303.86 | 4161.25 |
| 45 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill July 2010 | 16/10/10 | 260 | 5303.86 | 4161.25 |
| 46 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill August 2010 | 16/10/10 | 261 | 5303.86 | 4161.25 |
| 47 | **WasteServ Malta Ltd** | Deposit at Landfill September 10 | 16/10/10 | 262 | 5303.86 | 4161.25 |
| 48• | **Nexos Street Lighting** | Street Lighting | 09/11/10 | 1057 | 1954.68 | 1954.68 |
| 49 | **Med Design Associates** | Professional fees for Pavement works in Triq Sant'Anna | 11/11/10 | 30004744 | 483.50 | 483.50 |
| 50 | **Media Link Communications** | Advert | 31/10/10 | 44469 | 101.48 | 101.48 |
| 51 | **Mr. Alfred Debono** | Re-imbursment Cultural Activities | 15/11/10 | | 40.00 | 40.00 |
| 52 | **Supreme Travel Ltd** | Tip from M'Skala to Cirkewwa & return | 30/09/10 | 3702 | 135.70 | 135.70 |
| 53 | **Med Design Associates** | Professional Fees levels taken infront of Church | 15/11/10 | 30004757 | 60.00 | 60.00 |
| 54 | **Mr. Joseph Micallef** | Repair of ballgounts | 17/11/10 | | 35.00 | 35.00 |
| 55 | **Allied Newspapers** | Advert | 11/11/10 | AS1424635 | 162.60 | 162.60 |
| 56• | **Karmig Ltd** | Pavement works in Triq San Guseppi Spagnol | 17/11/10 | K006 | 2538.89 | 2538.89 |
| 57• | **Karmig Ltd** | Pavement works in Triq iz-Zonqor | 17/11/10 | K005 | 2935.23 | 2935.23 |
| 58• | **Karmig Ltd** | Pavement works in Triq il-Qaliet | 17/11/10 | K004 | 3457.76 | 3457.76 |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

4.2 **<u>Ħlasijiet b'urġenza:</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| • Contracts Manager report available. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | **€** |
| 1 | **CIR** | FS 5 - October 2010 | 27/10/10 | | 1,873.67 |
| 2 | **Sindku** | Honoraria - October 2010 | 27/10/10 | | 795.50 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | **Segretarju Ezekuttiv** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 1872.03 |
| 4 | **Impjegata C** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 1060.71 |
| 5 | **Impjegata D** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 929.96 |
| 6 | **Impjegata E** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 466.13 |
| 7 | **Impjegata F** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 1276.48 |
| 8 | **Impjegata H** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 896.44 |
| 9 | **Impjegata I** | Salary - October 2010 | 27/10/10 | | 1044.57 |
| 10 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Overtime for the month of October 2010 | 29/10/10 | 2753 | 335.34 |
| 11 | **R&A Waste Service Ltd** | Refuse Collection fot the month of October 2010 | 03/11/10 | 8547 | 9,884.07 |
| 12 | **R&A Waste Service Ltd** | Work done during feast 22nd - 25th July 2010 | 03/11/10 | 8560 | 536.00 |
| 13 | **Selves** | Petty Cash - October 2010 | 03/11/10 | | 89.83 |
| 14 | **D.O.I** | Advert for Tender Mixed Household Waste | 04/11/10 | | 9.32 |
| 15 | **Maltapost p.l.c** | 500 stamps | 04/11/10 | | 95.00 |
| 16 | **Local Council Association** | Performance rights | 08/11/10 | | 36.00 |
| 17 | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Laqgha tal-Kunsilliera ta' Malta u Ghawdex | 10/11/10 | | 350.00 |
| 18 | **Mrs. Maria Agius** | Cleaning Service | 11/11/10 | | 101.50 |
| 19 | **Mrs. Zammit** | Reimbursement of Judo lessons | 12/11/10 | | 15.00 |
| 20 | **Lourdes Service Station** | Fuel for generator | 15/11/10 | | 20.00 |
| 21 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 15/11/10 | | 50.00 |
| 22 | **Kunsill Lokali Marsaxlokk** | Refund of contavention no 176-22272-3 | 17/11/10 | | 23.29 |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

➢ ***Matters Arising:***

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud talab sabiex il-magazine tal-Kunsill għandu jarah il-Kunsill qabel ma jiġi pprintjat.

Is-Sindku wieġbu li mhux dejjem ikun possibli li jiġi preżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill, pero` se jkun aċċessibli għand is-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jarawh.

Il-Kunsillier John Baptist Camilleri talab lill-Kunsill sabiex inħallsu s-somma ta' €50.00 lis-Sur Enzo Cachia għal *proof reading* tal-magazine.

Il-Kunsill qabel unanimament.

➢ ***Matters Arising:***

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li bl-għajnuna tad-Direttur tal-Cleansing, is-Sur Charles Zammit qed jiġi mnaddaf l-inħawi tal-ġibjun tal-Bidni.

## 9.0 ***Aġġornament***

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal data oħra u spiċċat fid-9.30p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru fis-6.00p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku